

Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-Knisja tapprezza l-urġenza tat-taħriġ fid-dixxerniment spiritwali sew fuq livell personali, kif ukoll fuq livell komunitarju.

**Qari:** *Minn meditazzjoni ta’ Papa Franġisku f’Novembru 2013*

Nisrani huwa dak ir-raġel jew dik il-mara li jafu kif jgħixu *l-mument,* u jafu wkoll kif jgħixu *fiż-żmien*. Ġesù jwiddibna "Araw li ma titqarrqux. Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu,' u 'Iż-żmien wasal.' Tmorrux warajhom! (Lq 21:8-9) Tħallux lil min ifixkilkom u jħawwadkom. Kif nistgħu ma nħallux lil min iħawwadna? Billi nitolbu u nagħmlu dixxerniment matul ħajjitna.
Id-dixxerniment jgħinna nagħrfu dawk is-sinjali li tassew jgħinuna fit-triq li rridu naqbdu f’dan il-mument. U aħna għandna bżonn it-talb biex tassew ngħixu kull mument. Alla biss jista’ jagħtina l-uniku virtù li jista’ jgħinna biex niffaċċjaw il-misteru taż-żmien*;* u din il-virtù hi t-tama.
B'dan il-mod in-nisrani jkun kapaċi jimxi ’l quddiem fit-triq *tal-mument,* bit-talb u bid-dixxerniment. Fl-stess ħin hu jittama fil-Mulej sakemm qed jistenna l-aħħar taż-*żmien.* Dawn huma nisa u rġiel tal-*mument u taż-żmien*; tat-talb, tad-dixxernment u tat-tama.
Jalla l-Mulej jagħtina l-grazzja li nkunu għorrief matul il-mixja tagħna. Din ukoll hi rigal: l-għerf li fil-*mument* imexxina biex nitolbu u biex nagħmlu dixxerniment u li, fiż-*żmien,* ikun il-messaġġier t’Alla li jgħinna ngħixu bit-tama.

Mulej, il-Papa jixtieq li aħna nitolbu sabiex
il-Knisja tapprezza l-urġenza tat-taħriġ fid-dixxerniment spiritwali
sew fuq livell personali kif ukoll fuq livell komunitarju.
Donnu l-Papa qed jgħidilna li hemm bżonn
li nieħdu l-affarijiet bis-serjetà,
li ma nħallux min iqarraq bina u lanqas ma nqarrqu bina nfusna.
Hu jixtieq jarana ngħixu l-ħajja tagħna b’konvinzjoni;
li nerfgħu r-responsabbiltà dwar il-ħajja tagħna nisranija,
li ngħixu r-reliġjon, mhux bħala drawwa, imma b’konvinzjoni.

Għax, Mulej, hi faċli ħafna li ngħixu kif jgħix ħaddieħor,
li nimxu mal-massa u nagħmlu bħalha.
Mulej, naħseb li faċli li taħseb li kollox miexi ħarir,
li taħseb li miexi fit-triq it-tajba.
Iżda żgur li jekk tgħarbel sew ħajtek,
tista' ssib li int mhux qed tgħix għall-glorja t'Alla.
Forsi, min jaf, qed tagħmel ħwejjeġ tajba u utli,
imma qed tagħmilhom biex tidher int,
jew għax tieħu gost tisma' n-nies jgħidu kemm int twajjeb,
jew forsi qed tagħmel għażliet li jaqblu lilek, u fejn int tkun l-iktar komdu.
Mulej, nitolbuk, agħtina l-grazzja li jkollna l-kuraġġ
li nfittxu tassew ir-rieda tiegħek,
li nistaqsu mistoqsijiet li jistgħu jagħmluna skomdi,
li jistgħu juruna l-verità, li aħna nkunu qed naħarbu minnha.
Mulej, għin lill-Knisja ħalli hi stess tħaddan
il-proċess ta' dixxerniment fil-komunitàjiet u fil-parroċċi,
biex b'hekk tisma' u tħalli l-Ispirtu tiegħek imexxiha.
Mulej, agħti d-dehen lill-Knisja sabiex tifhem il-bżonn urġenti
li tħarreġ saċerdoti, reliġjużi u lajċi
sabiex huma jkunu jistgħu jgħinu lil ħuthom fil-komunità u fil-familji,
biex jagħmlu dixxerniment u jgħarblu ħajjithom;
u sabiex jieħdu d-deċizzjonijiet li għandhom jieħdu f'ħajjithom,
bil-għaqal u b'responsabbiltà.

**KANT**

**Qari:** *Mill-ittra ta' Papa Franġisku liż-żgħażagħ bi preparazzjoni għas-sinodu tal-isqfijiet għas-sena 2018*

Nixtieq infakkarkom ukoll f'dak il-kliem li darba Ġesù lissen lid-dixxipli li staqsewh: "Rabbì […], fejn tgħammar?". Hu weġibhom: "Ejjew u taraw" (Ġw 1:38-39). Lejkom ukoll Ġesù qed idawwar ħarstu u jistedinkom tmorru għandu.
Għeżież żgħażagħ, qatt iltqajtu ma' din il-ħarsa? Qatt smajtuh dan il-leħen? Ħassejtuha din it-tqanqila biex tibdew mexjin? Jiena ċert li, imqar jekk l-istorbju u l-isturdament donnhom ħakmu d-dinja, din is-sejħa għadha qed tidwi fil-qalb

tagħkom, biex tiftaħha għall-ferħ sħiħ. Dan ikun possibbli skont kemm, anki permezz tal-akkumpanjament ta' gwidi esperti, intom tagħrfu taqbdu mixjiet ta' dixxerniment biex tiskopru l-pjan ta' Alla għal ħajjitkom. Alla hu għani fil-ħniena u jnewlilkom idu biex jerġa' jqajjimkom fuq riġlejkom, imqar meta l-mixja tagħkom hi mmarkata mid-dubji u mill-waqgħat.

Mulej, int it-Triq, il-Verità u l-Ħajja;
U jekk nimxi warajk, żgur li nsib is-serħan u l-mistrieħ.
Iżda ħafna drabi, minkejja li naf dan kollu,
jien nagħżel triq oħra, nagħżel li nimxi fil-mogħdija,
anke jekk naf li ma sa twassalni mkien.
Mulej, inti tibgħat l-Ispirtu tiegħek biex ikellimni,
biex iqanqalni, biex jgħinni ħalli nagħmel għażliet tajba.
Iżda ħafna drabi nagħlaq widnejja u ma nisimgħux,
għax inħalli l-ġenn u t-tlellix tal-ħajja jmexxuni u jtarrxuni.
Missier qaddis, niringrazzjak
għax inti lili ma tinsinix u ma twarrabnix,
anke jekk jien nagħżel triq oħra.
Ma tiddejjaqx tistenna sakemm niġi f'sensija
u nerġa' naqbad it-triq għal għandek.
Mulej, jien naf li fik jien nistkenn u nsib il-paċi u s-sliem.
Għinni nieqaf mill-ġenn u l-ġiri tal-ħajja,
ħalli nagħmel għażliet li mhux biss ikunu tajbin għalija,
iżda għal dawk ta' madwari wkoll.
Mulej, meta nħossni indeċiż/a jew xi ftit mitluf/a,
agħtini d-dehen u għinni ħalli nqum minn fejn inkun u niġi għandek,
ħalli nħalli l-Ispirtu qaddis tiegħek ikellimni,
ħalli nħallih jurini l-pjan tiegħek għal ħajti.
Nirringrazzjak ta' dawk il-persuni li int tibgħatli f'ħajti
li jiftħuli għajnejja, ...li jgħinuni niskopri dak li jressaqni lejk,
....li jgħinuni nagħmel għażliet tajba.
Għinni ħalli ma nibżax nieħu r-riskju
li nfittex it-triq li twassalni għal għandek għall-Ħajja u għall-Verità,
ħalli nsib il-paċi, li int biss taf tagħti.
Agħtini l-forza, Mulej, ħalli nħallik teħodni għall-kenn u l-mistrieħ.

Agħmel Mulej li nkun dejjem disponibbli li nilqa’ l-kelma tiegħek .
Agħtini, Mulej l-għajnuna ħalli ma nwebbisx qalbi
quddiem l-għażla bejn il-ħajja u l-mewt,
bejn l-istorbju u t-tlellix tal-ħajja u s-sejħa tiegħek.
Agħtini d-dehen u t-tama, Mulej, ħalli ma nibżax infittex il-verità,
ħallli nagħżel it-tajjeb mill-ħażin,
u nagħraf nagħżel u nagħmel ir-rieda tiegħek.

**Kant**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu biex, kif qal il-Papa Franġisku, “Fost ħafna affarijiet u ideat ġodda tal-lum, aħna l-Insara nkunu nafu niddixxernu, sabiex b’hekk nagħżlu ħaġa minn oħra, u nkunu kapaċi nagħrfu liema hu l-inbid it-tajjeb li ġej minn Alla, u liema hu dak li ġej mill-ispirtu tad-dinja u mill-ispirtu ħażin tax-xitan.”

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Alla Missier, għinna biex inkunu nies kapaċi nisimgħu dak li Int tixtieq tgħidilna u li tkun qed titlob minna, kemm fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja personali tagħna, kif ukoll fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà tal-lum, li tidher qiegħda tant titbiegħed minnek.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej, sabiex il-Knisja tgħin lill-insara jagħrfu dak li jixtieq Alla minnhom, ħalli huma jagħżlu li jsegwu t-tagħlim ta’ Ġesù, biex b’hekk jaħdmu għall-ġid veru tagħhom u tal-komunità fejn jgħixu.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħti d-dehen lill-Knisja ħalli hi tagħraf tiggwida u tifforma komunitajiet li jieqfu biex jirriflettu fuq il-ħajja tagħhom, fuq kif u għaliex qed jieħdu ċerti deċiżjonijiet, u biex jgħarblu tassew jekk humiex qed jimxu skont ir-rieda tiegħek.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu sabiex aħna nagħrfu li d-dixxerniment jgħinna nifhmu aħjar ir-rieda ta’ Alla għalina u sabiex ma niddejqux infittxu l-għajnuna ta’ gwida jew direttur spiritwali u nitkellmu miegħu, filwaqt li nħallu lil Alla jurina t-triq.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.